**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum, 12 ta' Jannar 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**AQUILINA CARMEN**

**Kump.Nru. 409/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Carmen Aquilina nee' Zahra**, bin-numru tal-identita` 127887(M), giet akkuzata talli fil-5 ta' Novembru 2011 ghall-habta tal-11:20hrs, gewwa z-Zejtun waqt li kont qed issuq il-vettura bin-nurmu tar-registrazzjoni AAE758;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis u r-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giuseppe Fava skond ma' ccertifikat Dr. Dorianne Farrugia MD. Reg. No. 3420 mill-isptar Mater Dei;

2. Soqt l-imsemmija vettura b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza;

3. Inqast li toqghod attenta l-hin kollu u nqast li tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta gejt biex tieqaf fuq stop sign.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi swalifikata mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-24 ta` Settembru 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 26);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 12 ta' Jannar 2016, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, u dana anki wara li inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm traskuragni jew perikolozita` fl-estrem taghhom izda l-Qorti hija tal-fehema li kien hemm nuqqas ta` attenzjoni minn naha ta` l-imputata li kienet il-kagun ta` dan l-incident;

b. il-fatt li civilment il-mertu ta` dan il-kaz gie rizolt minn naha tas-socjetajiet assikuratrici (ara depozizzjoni ta` Giuseppe Fava 12/01/2016);

c. l-ammissjoni ta` l-imputata, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, MVR76 tal-L.S.65.11 u l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Carmen Aquilina nee` Zahra hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Carmen Aquilina nee Zahra bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Carmen Aquilina nee Zahra fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur